*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 17**

**It-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

17.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġiji mingħand il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar.

17.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 16 li saret Nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020:***

17.2.1 Is-Sindku qal illi fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irid jgħaddi din l-emenda hekk kif ġej ta' paġna 4 it-tielet paragrafu.

*Is-Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-kiosks illegali ma jistawx joperaw mingħajr ma jiġu ċċekjati min persuni fi ħdan is-sanita` u tas-saħħa u għaldaqstant irridu nirrapurtaw lil entitajiet ikkonċernata.*

17.2.2 Is-Sindku qal illi fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irid jgħaddi din l-emenda hekk kif ġej ta' paġna 6 it-tielet paragrafu.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi wara li hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri raw l-korrispondenza li baghtu ir-residenti tal-akkwati fejn ser issir street management. Kien hemm il-fuq minn tletin email fejn ġew kollha mixtarra kif ukoll inbagħatet risposta. Xewqa simili kienet li Triq ta' Gidwet tibqa two way kif ukoll Triq l-Aħdar. Ix-xewqa tar-Residenti ġiet milqugħa.*

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

17.2.3 **Matters arising:**

17.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsta fuq paġna 3 paragrafu 16.2.5 jekk irċevejniex risposta fuq il-ftuħ tal-berġa tal-lokalita`.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadna ma rċevejniex risposta.

Is-Sindku qal li tkellem ma persuna fejn qaltlu li l-berġa kienet għalqet sabiex titnaddaf u kien hemm il-ħsieb li l-vaċċin tal-influwenza jingħata mil-klinika. Huwa kompla jgħid li ħarġet pubblikazzjoni illi r-residenti tal-lokal jridu jmorru jieħdu t-tilqima ġo Raħal Ġdid u irridu nistaqsuhom dan li ġej:

- jekk hux ġurnata waħda biss allokata għat tilqima,
- l-eta` minn meta jistgħu jieħdu t-tilqima,
- il-lista tan-nies li jirreġistraw għat-tilqima minn ser joħoda,
- l-anzjani li ma jsuqux u ma għandhomx minn iwassalhom u dawk li huma *bed ridden* jekk hux ser joffru servizz tal-tilqima ġo djarhom.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lid-diaprtiment tas-saħħa.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud daħlet għal-laqgħa fis-6.20pm***

17.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 paragrafu 16.9.3 fejn staqsa jekk il-Kunsill kienx qabel mal-iskema SPI/SCI .3.2020 Finanzjament ta' progetti Kapitali, aċċesibilta` u mobilita`.

Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti din l-iskema fil-preżenza tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

17.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

17.3.1 **<u>LCF07/2017 Marsaskala Construction of LC Administration building including foundations up to shell form (35/3332/20/O):</u>**

Is-Sindku qal li l-*piling* u l-pediment lest u issa ser jibda l-bini.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irċevejna komunikat mill-PA fejn qalulna illi peress li l-kuntratt mas-sezzjoni tad-DPO ma ġiex iffirmat u x-xogħol beda qed jgħidulna illi l-fondi mhux ser jtuwomlna li jammontaw għal madwar €250,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi dawn il-fondi il-Kunsill rebaħom fis-sena 2017 u aħna tlabnijom diversi drabi sabiex jiġi iffirmat il-kuntratt u għaldaqstant in-nuqqas ma sarx min-naħa tal-Kunsill iżda min-naħa tal-PA. Huwa kompla jispeja illi bgħatnilhom u spjegajnilhom illi ix-xogħol bilfors ried jibda għaliex il-Kunsill sa Settembru 2021 irid joħroġ mill-uffiċini preżenti tal-Kunsill.

17.3.2 **<u>Fitness Sessions in Marsaskala)35/3273/20I) :</u>**

Is-Sindku qal illi s-Sinjura Amber Azopardi tixtieq toffri lezzjonijiet tal-*fitness* għal prezz ta' €3 kull persuna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru 6 *sessions* sa massimu ta' 15 il-persuna darba fil-ġimgħa, u wara li għaddu dawn is-6 *session* għanda terġa tgħamel talba mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-ispejjeż tal-parteċipanti jħallashom il-Kunsill u l-parteċipanti jiġu jirreġistaw biss il-Kunsill.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ul-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlu għal laqgħa fis6.30pm***

17.3.3 **<u>SPI.SCI.3.2020 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita` u Mobilta` (35/3260/20/I):</u>**

Is-Sindku qal illi dil-materja ser tirrispondi l-*matters arsing* tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u staqsa lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon jekk il-Kunsill hux ser japplika għal din l-iskema għaliex ħaddiema tal-komunita` jkollom xogħol assenjat u mhux ser jkun hemm minn jwassal l-anzjani.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'dak il-każ il-Kunsill jitlob talba għal persuna oħra u jgħati l-ġustifikazzjoniet tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-problema mhux biss fuq minn ser jsuq il-vann imma minn ser jieħu t-telefonati ukoll għaliex ser jiżdied ix-xogħol fuq il-*customer care.*

Is-Sindku qal illi l-persuna li l-Kunsill ser jingaġġa mal-*customer care* tieħu t-telefonati kemm tal-*bulky refuse* u kemm tal-lista tal-anzjani jekk il-Kunsill jerbaħ l-iskema.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-ewwel napplikaw u jekk nerbħuha umbgħad naraw fuq it-tqassim tax-xogħol. Hija kompliet tgħid li tal-opinjoni li ndaħlu linja tal-telefon oħra minħabba l-influss ta telefonati li jkun hawn fil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qabel ma tidħol il-ħames skirvana ma jaqbilx li ndaħlu linja tat-telefon oħra.

17.3.4 **<u>Sinjali tal-Parkeġġ fi Triq il-Bajtar:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri talab biex isiru il-linji tal-parkeġġ fi Triq il-Bajtar għaliex qed jkun hemm argumenti bejn ir-residenti u anke abbużi tal-parkeġġ.

Il-Kunsill qabel unanaimament li jsiru il-parkeġġi.

17.3.5 **<u>Permess tal-RWP tax-xogħolijiet tal-Kunsill:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kemm għal-kuntratt tal-*patching* kif ukoll tal-bankina il-kuntratturi qed jitolbu illi l-applikazzjoni tal-RWP titħallas mill-Kunsill. Huwa qal li kull aplikazzjoni tiswa €250.

Is-Sindku qal li Triq La Sengle, parti minn Triq Sant'Anna u parti minn Triq tal-Gardiel, il-*patching* li ser jsir ser jtuna il-flus tagħhom TMalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta jsir xogħol minn TMalta jbiddlu anke is-servizzi u għaldaqstant l-aħjar jsir ix-xogħol mill-kuntrattur ta' TMalta għaliex il-kuntattur tal-Kusnill mhux ser jbiddel servizzi.

Il-Kunsill qabel illi il-permessi tal-RWP, il-kuntratturi tal-*patching* u anke tal-bankini jħalsuhom il-kuntrattur umbgħad jibgħatilna l-*invoice* biex inħalsuhom aħna. Il-Kunsill qabel illi jinġabar ammont ta' xogħol u issir applikazzjoni waħda.

17.4 **<u>Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

17.5 ***<u>Rapporti:</u>***

17.5.1 ***<u>Quaterly Report 3rd quarter (July till September 2020):</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-rapport ta' kull kwart minn Lulju sa Setembru 2020.

Is-Sindku ppropona r-rapport tal-Kull kwart minn Lulju sa Settembru 2020 u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

17.7 ***<u>Korrispondenza:</u>***

17.7.1 **<u>Minuti tal-Marsaskala Regeneration Committee għal-laqgħat li saru fil-15/8/20, 28/8/20 u 11/9/20:</u>**

Is-Sindku ppreżenta il-Minuti ta' dan is-sotto kumitat u stieden lil Kunsilliera li minn jrid ikun preżenti għal dan il-laqgħat jistgħa jiġi.

17.7.2 **Artiklu fil-Gazzetta AUM:**

Is-Sindku qal li l-Onor Aaron Farrugia f'dan l-artiklu li deher f'wieħed mill-gazzetti qal li huwa tal-opinjoni li d-dormitorji ma jsirux fiż-Żonqor.

Is-Sindku qal li bħala Kunsill ma rridux illi d-dormitorji biss jsiru fil-lokal ta' Marsaskala.

17.7.3 **Artiklu fil-Gazzetta Skema għal Kunsilli Lokali:**

Is-Sindku qal li ser li Gvern ser joħroġ żewġ skema li jammontaw għal €600,000 fuq *open spaces* u infrastruttura. Huwa qal illi kien qed jaħseb fuq it-tibdiel tal-bankijiet fi Triq ix-Xatt iżda dan ser jsir mill-Kuntrattur tagħna umbgħad ser niġu rifużi minn MTA.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li f'laqgħa preċedenti kien talab sabiex jsir ġnien f'Bellavista faċċata tal-Inspire.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna konna iċċekjana fuq din l-*area* u għalkemm hija tal-*lands* fejn l-art tkun f'żona tal-bini, il-lands ma tagħtiex l-art għal *open space.*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċejaw mal-Perit tal-Kunsill.

17.7.4 **GOV1/2019/0083 Ducleseaux Redoubt Marsaskala Ridott tal-Franiċiż Bajja San Tumas):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Lands Department* staqsa lil Kunsill jekk hux fil-ħsieb illi jirristawra dan ir-Ridott.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jaqbel illi dan ir-Ridott jiġi restawrat dan il-Patrimonju Malti pero` il-Kunsill la għandu l-fondi u lanqas ir-riżorsi għal dan il-proġett tant kbir. Fid-dawl ta dan il-Kunsill qed jitolbok illi dan ir-restawr jsir min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

17.7.5 **Talba mingħand Janet Bartolo u Sigi għar-rimbors tal-fuwil:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dawn huwa żewġ persuni li jaqbdu ħafna qtates u joħduhom għan-*neutering*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħataw €25 fix-xahar bejnithom sakemm tispiċċa l-iskema sa l-aħħar ta' din is-sena.

17.7.6 **Application for Happy Paws clinic Shop to access bulky refuse collection (35/3155/20/I):**

Is-Sindku qal li dan iċ-*charity shop* qed jitlob is-servizz tal-*bulky refuse* peress li jkollom ħafna affarijiet x jarmu u dan mhux ħanut kummerċjali.

Il-Kunsill qabel unanimament li noffrulhom is-servizz tal-*bulky* darba fil-ġimgħa u jiġbrulhom 3 oġġetti.

17.7.7 **New Pool Complex (35/3160/20/I):**

Is-Sindku qal li saret laqgħa fuq il-pixxina l-ġdida li fiha ukoll il-Kunsillier John B. Camilleri kien preżenti u kulħadd qal is-suġġerimenti tiegħu. Huwa kompla jispjega illi l-istruttura ta' fuq il-promenade ser tkun tal-ħġieġ u ta madwar 2.1 x 4 metri u l-palm ser jipprovaw jevitaw li jaqalawh.

17.7.8 **Cleaning of Cat stations (35/3226/20/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon spejgat li qed niġbru l-kwotazzjoni għal-iskema tal-ġdida għas-sena d-dieħla tal-qtates li tinvolvi ikel u tindif tal-*cat houses.*

17.8 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:***

17.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Petty Cash* ta' Awwissu u Settembru 2020

17.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

Jimmy Muscat – Bulky Refuse – Invoice No 009/20 - €2528.75

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

17.9 ***Mozzjonijiet:***

**Mozzjoni mressqamill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku (#052 – 18/9/20) :**

*"Jipproponi li fi Triq id-Daħla ta' San Tumas ftit il-fuq mill-grocer lejn iz-Zejtun nagħmlu tabella ezempju "Boat yard exit" jew xi tabella simili."*

Il-Kunsill qabel unanimament

- Is-Sindku informa lil Kunsillier illi ġew 12 il-student mill-Polonja u fil-preżent hemm 2 fl-IT u 3 is-Sensi
- Is-Sindku qal illi is-Sinjura Sabrina Aguis tas-Sustainable and Green Locality ser jsir proġett ħdejn il-monument tad-Douzelag.
- Is-Sindku qal illi flimkien mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u l-Kunsillier Charlot Mifsud iltaqu ma' tal-Gardenia u anke irċevejna l-approvazzjoni min-naħa tal-Kurja.
- Is-Sindku qal illi huwa tal-ideja illi jsir farmers market fil-parkeġġ tal-pixxina taż-Żonqor u jħalsu €23 għal permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan jiġi fixed *hawkers* u trid irris talba lid-DLG u wara jkun hemm l-approvazzjoni tal-Parlament.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi tal-ħaxix li jkun hemm fi Triq ix-Xatt l-istess jgħamel.

- Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa ma jaqbliex u filfatt għalhekk konna tlabna biex ineħħu l-caravans minn hemm.

  Il-Kunsilli qabel unanimament li jibghatulna pjanta u niddiskutiwha fil-laqgħa li jmiss.

- Is-Sindku informa lil Kunsilliera li kellu laqgħa mad-Direttur tal-Lesa minħabba il-multi eċċessivi li qed jingħataw lir-residenti fejn fil-lokal għandhna problema kbira ta parkeġġ u li hemm bżonn jiġi iffukat ikatr l-area fejn hemm il-ħwienet għaliex hemmek jkun hemm abbużi kbar u jipperikolaw kemm vetturi oħra u anke lin-nies.

17.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 4 t' Novembru 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 5 ta' Ottubru 2020.

_______________ _______________

**Josef Grech** **Mario Calleja**

SegretarjuEzekuttiv Sindku